Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

MINUTI

LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

IS-SEBGĦA LEĠISLATURA 2017

SEDUTA NUMRU 58

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa' fl-ufficcju Amministrattiv tiegħu li jinsab fic-Centru Civiku, Kunsill Lokali S-Swieqi, Triq G. Bassiera nhar il-Ħamis 5 ta Lulju 2018

Prezenti:

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Justin Fenech | - | Vici Sindku |
| Maryanne Abela | - | Kunsilliera |
| Alfred Curmi | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |

Uffiċċjal Prezenti: Vince Tanti, Segretarju Ezekuttiv

Il-laqgha bdiet fis-17.45

Skuzati mill- laqgħa kien hemm il-Kunsillieri P. Fenech, M. Bonello u M. Miceli minħabba li kienu msiefrin u l-Kunsillier A. Chetcuti li għadu jirkupra minn operazzjoni.

Is- Sindku qal it-talba.

**I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta numru 55 inqraw, u ġew approvati mill-Kunsillier A. Curmi u sekondati mill-Kunsillier T. Valentino.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet.

**II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI**

Ma kienx hemm punti li joħorgu mill-Minuti.

**III RAPPORT MIS-SINDKU**

**Rapport tas-sindku huwa anness (Anness A).**

Is-Sindku beda billi awgura fejqan ta' malajr lill kollega Kunsillier A. Chetcuti, li kien operat il-gimgha l-oħra - il-kunsilliero prezenti lkoll awguraw lill Kunsillier A.Chetcuti personalment wkoll.

Is-Sindku attenda diversi laqgħat mill-aħħar seduta fosthom:

05.06 Attenda Protesta orginazzata mill-Kunsill tal -Gzira kontra irregolaritajiet fil-bini u sapport lill Kunsillier tal- Gzira Jeremy Cardona li kienu saqu fuqu waqt il-qadi ta' dmierijitu.

06.06 Attenda lejla ta' prezentazzjoni mill-klabb tal -futbol tas-Swieqi, u hawn awgura lill klabb tas-successi li ghal darb'oħra wettqu.

12.06 flimkien mal-Vici-Sindku u Membru tal-Kumitat ta' Swieqi United attenda ghal laqgħa ma' l-Onorevoli Ministru taz-Zagħzagħ u Sport Dr. Clifton Grima sabiex jitolbu l-għajnuna mill-Ministru għal kostruzzjoni tal- club house li ser tigi tintuza mill- għaqdiet sportivi tal-lokalita.

13.06 Attenda l-komemorazzjoni ta' Jum ir-Russja fl-ambaxxata Russa.

15.06 Attenda ghal ftuħ ta' l-esibizzjoni ta' l-artisti Russi fis-sala tal-Kunsill.

03.07 Flimkien mal-Kunnsillier T. Valentino u l-Perit Edgar Rossignaud attenda ghas-smiegħ tal-proposta zvilupp ta' lukanda ta' 11 il-sulari minn Market gewwa s-Swieqi, fejn il-perit ipprezenta diversi punti tekniċi, u s-Sindku u l-Kunsillier T. Valentino wkoll ressqu l-punti tagħhom kontra dan l-izvilupp. Kien hemm ukoll prezenti diversi resident mil-lokalita.

Il-progett gie rrifjutat.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Vince Tanti |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

**III RAPPORT MIS-SINDKU- ikompli**

Is-Sindku tkellem fuq ix-xogħolijiet tat-toroq fi Triq il-Ġizimin, Triq is-Swieqi u l- Molletta u fi Triq il-Keffa.

Triq il-Ġizimin kwazi tlesta x-xoghol tat-tarmak, baqa' biss kantuniera ma' Triq il-Giebja, li flimkien max-xoghol ta' Triq il-Molletta u Swieqi Road ser jitlestew bejn id-9 u l-11ta' Lulju. Għad irid isir koordinament ma' Transport Malta ghat-Traffic Management.

Is-Sindku irringrazzja lill kull min kien hemm involut f'dan ix-xoghol, ufficjali ta' Transport Malta, il-kuntratturi, l-impjegati tal-Kunsill u l-aktar ir-residenti tal-pacenzja u l-kooperazzjoni.

Tkellem ukoll fuq Triq il-Keffa.

Peress li ma kienx hemm qbil bejn Transport Malta u l-Kunsill fuq l-installazzjoni ta' Storm water culvert fil-parti t-isfel ta' Triq il-Keffa, ix-xogħol waqaf għal xi granet, sakemm tittiehed deċezoni. Id-deċizjoni ttiehdet u l-culvert ser issir u x-xoghol ser jerġa' jibda il-gimgħa d-dieħla.

Is-Sindku tkellem fuq id-diversi problem u sofferenzi li r-residenti kellhom jgħaddu minnhom minhabba dan ix-xogħol, xoghol li kien hafna iktar kkumplikat milli wiehed seta jimmagina minħabba d-diversi servizzi li jgħaddu minn din it-triq. Kellu jsir ħafna koordinament ma' diversi azjendi, u l-spejjez ghal Transport Malta zdiedu sostanzjalment minn dak ibbudgetjat għalih.

Is-Sindku għalaq fuq dan il-punt billi irringrazzja l-intervent assertiv tal-Perit Dieter Falzon, li kien strumentali sabiex nipperswadu lill TM jagħmlu l-culvert, izda wkoll irringrazzja pubblikament lill-Perit Graziella Galea, Perit ghal Transport Malta risponsabbli minn dan il-progett ghal mod kif bil-hafna pacenzja attendiet diversi drabi fuq ix-xogħol, ltaqat ma' diversi resident u ufficjali u miegħu u mas-Segretarju Ezekuttiv iltaqat diversi drabi biex tiddiskuti issues relatati ma' dan il- proġett.

Is-Sindku informa wkoll li kellu tibdil ta' korrispondenza mal- Ministru Ian Borg fuq it-talba tal-Kunsill li Triq il-Franciz tigi aċċessibli min fuq s'isfel. Il-Ministru qallu li ser jitkellem ma' l-awtorita ta l-ippjanar u jigi lura għandu.

Tkellem ukoll fuq ħsarat fit-tarmak ta' Triq il-Qasam, hdejn il-Kazin tan-Nazzjonalisti. Is-Sindku talab li tittieħed dicezjoni fuq dan ix-xogħol.

Tkellem ukoll fuq il-proġetti kapitali fosthom:

Pjazza Uqija – fejn kuntrattur wieħed ittenderja għal dan il-proġett, u issa irridu napplikaw ghal fondi ta' l- UIF sabiex ix-xogħol jkun komplut sa Novembru.

Embellishment ta' Triq l-Ibrag kantuniera ma' Triq tal-Franċiz – qed nistenneq kwotazzjoni minnghand il-Perit tal- kuntrattur.

Noel Muscat

Sindku

Vince Tanti

Segretarju Ezekuttiv

**III RAPPORT MIS-SINDKU- ikompli**

Tkabbir taħ Ġnien Esprit Barthet – Nistennew pjanti finali mingħand il-Perit Falzon ħalli nipprezentawhom lill-PA ghal fondi UIF, wara li il-Lands ħargu l-approvazzjoni tagħhom ghal proġett.

Urban Greening – xogħol ta' natura ta' kostruzzjoni jridu jkunu lesti sa l-aħħar t'Awwissu

Gie mitlub min xi resident biex tigi nstallata zebra crossing quddiem il-bank, u talab lis-Segretarju Ezekuttiv jibda jikkomunika mal Peirt sabiex jipprepera l-hidma necessarja.

<u>**IV Punti Mressqa mis-Segretarju Ezekuttiv**</u>

Is- SE poġġa fuq il-mejda korrespondenza minnghand il-Perit Paul Camilleri, fejn dan informal lil Kunsill li ma aċċettax pagament ta' €35,000 f'danni ghal kawza li l-Kunsill tilef fil-qorti relatata mal -bini tac-Ċentru Ċiviku. Din il-kawza ilha għaddejja s-snin u peress li għal xi raġuni jew oħra hu, jew il-Kunsill ma qablux fuq il-ħlas tal-multa, il-penali baqa' tiela bl-interessi u issa qabzet il-€50,000. Is-Sindku oġġezzjona bil-kbir fuq din iċ-ċifra u sostna li l-avukat, li jaf bill fatti tal- kaz għandu jitkellem mal-Perit Camilleri u jilħaq kompromess. Il-Kunsill qabel li Il-Pagament ta' €35,000 għandu jerġa' jintbgħat bħala pagament on account.

Is SE pprezenta ittra minngħand is-Sur James Harrison, li kien talab li ssir estenzjoni tal- proġett fi Pjazza uqija, izda l-Kunsill unanimament ma aċċettax din-it-talba peress li ġa kien ħareġ it-tender għal progett. Is-Sur Harrison talab laqgħa mal-Kunsill fuq dan għax skond hu għandu min hu lest igib il-fondi ghal din l-estenzjoni li qed jitlob. Il-Vici Sindku kkummenta li ma jara xejn  hazin jekk dan is-sinjur lest ikopri li-spejjez zejda ghal dan il-proġett u talab li niltaqaw miegħu.

Ressaq fuq il-mejda ittra u kwotazzjonijiet li Il-Kunsill irceva minngħand il-kumpanijja Smart Light Systems, fuq prodotti ta' traffic management illuminati.

Is-Segretarju Ezekuttiv għalaq l-intervent tiegħu fejn ghal darb'oħra talab lill-Kunsillieri fuq il-bord ta' l-aġġudikazzjoni tat-tenders sabiex jagħlqu l-parti tagħhom fuq it-tender ta' l--Accountant għax qegħdin itawwlu.

Noel Muscat

Sindku

Vince Tanti

Segretarju Ezekuttiv

**IV Punti Mressqa mis-Segretarju Ezekuttiv**

Tkellem fuq din is-sitwazzjoni fejn spjega lill-Kunsill, bil-permess tal- Vici Sindku, li huwa c-Chairman tal-Bord, li wara l-evalwazzjoni tas-sitt applikanti, il-bord, flimkien mas-Sindku intervistaw l-aktar erbgħa offerti vantaġġjuzi u intgħazel l-applikant li gie t-tielet fil-lista. Is-SE spjega li skond il-proċeduri il-Kunsill obbligat jagħzel dak l-applikant li gie l-irħas, imma l-kumitat deherlu li dan l-applikant m'għandux esperjenza meħtieġa għal Kunsill bħal tagħna, u deherlu wkoll li l-offerta tiegħu ma tantx kienet taghmel sens ekonomiku, b'comparison ghax-xogħol li hemm. Apparti minn dan l-applikant li kien it-tieni l-irħas, għalkemm kellu xi zewġ Kunsilli, kellu wkoll xi default notices minn Kunsilli ohra. Dan ukoll jidher li n-negozju tiegħu jikkonċentra iktar fuq is-settur privat u fil-qasam internazzjonali filwaqt li l-applikant li ġie t-tielet jidher li jaħdem fuq Kunsilli u departimenti tal-Gvern biss, u huwa iktar għandu l-esperjenza meħtiega ghal dan ix-xogħol mill-applikanti l-oħra. Ghal dawn ir-raġunijiet il-bord deherlu li l-applikant li ħie t-tielet l-irħas għandu jingħata s-servizz. Is SE u Sindku sostnew li dan ifisser li hemm probabbilta li jsiru appelli għad-deċizjoni tal- bord u jridu nitilgħaw quddiem bord ħalli nispjegaw id-deċizjoni tagħna, imma l-Kunsill qabel mad-deċizjoni tal- bord u talab li jingħalaq it-tender minnufih. Ghawnekk is SE talab lill membri tal-bord jagħlqu l-obbligi tagħhom fuq l-EPPS ħalli hu u c-Chairman jikkonkluduh.

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI**

**Punti Mressqa mill-Kunsillier A. Curmi**

Il-Kunsillier A. Curmi għamel referenza ghal financial statements tal-Kunsill, u tkellem fuq il-problema li għandna li qegħdin naħdmu bl-accountant l-Antik ghax it-tender ta l-accountant il-gdid ghadu ma nghalaqx. Qal li qed ikollu problem bl-EPPS u talab l-għajnuna fuqu.

Talab informazzjoni jekk is SE hux jigri wara l-pagamenti tat-Christmas lighting u l-advertisement boards u s-SE wieġeb li jintbgħatu Statements kull xahar.

Talab ukoll li l-Kunsill jiddeċiedi fuq it-traffic management ghal Triq il-Giebja,jekk hux ser issir one way jew le, u s-Sindku wiegeb li din, u toroq oħra huma fil-pjan izda bħalissa hemm issues ta' aktar importanza minnħabba is-sitwazzjoni ta' Triq il-Keffa.

Noel Muscat

Sindku

Vince Tanti

Segretarju Ezekuttiv

**Punti mressqa mil-Kunsillier M. Abela**

Hija fakkret li ser issir Festa Madliena nhar il-Ħadd 22 ta' Lulju.

Il-Kappillan aċċetta li ssir quddiesa fis-7.00pm, u tlestew posters ghal okkazzjoni li twaħħlu fin-noticeboards tal-lokalita.

Is- Sur Mark Fleri ser jagħmel esibizzjoni bic-chess board life-size, u l-Corner Food Store reġa' aċċetta li jġib ikel b'xejn u proceeds minnu jmur ghal karita li jagħzel hu.

Ser isir transport mi- Swieqi ghal Madliena għal okkazzjoni.

Hija qalet ukoll li ser iġġib sponsor ghal Ġnien ta' Victoria Gardens, u qiegħda titlob li jkun hemm spazju għal advertising space għal dan l-isponsor.

Tkellmet fuq l-afforestation project, u pprotestat li għalkemm kienet taf li ser isir, dan beda mingħajr mal-Kunsill jew il-Kumitat tal-Madliena kien jaf bih. Is-SE wieħeb li vera kienu jafu li ser jibda fis-sajf, u vera wkoll li ma kienux jafu li bdew jaqtaw is-siġar mejtin bi preperazzjoni għaz-zrugħ tas-sigar il-ġodda. Tkellem mad-Dipartiment u r-risposta kienet li għandhom diversi proġetti oħra ma' Malta w Għawdex ukoll u mxew skond l-esiġenza, u talbu skuza talli ma avzawnix qabel.

**Punti mressqa mil-Kunsillier T. Valentino**

Il-Kunsillier T. Valentino talbet bies jiġu nnstallaw fonti maltin ghal minuti.

Ipprezentat kopji ta' seduti (annessi B) ta' seduti li attendiet l-Awtorita ta' l-Ippjanar flimkien mal-Periti tal kunsill, fejn qalet li qiegħda tagħmel dan kollu ghax huwa fl-interess tar-residenti tas-Swieqi li ma jkunx hawn overdevelopment.

Avzat li rċievet korrispondenza minngħand persuni li huma interessata jagħmlu Yoga fil-Park, u qalet li ma ssib l-ebda oggezzjoni għal dan.

Fl-aħħar punt tagħha, hija reġgħet talbet informazzjoni fuq l-emails li jintbgħatu lill- active agers minħabba l-issue tal-GDPR. Is-Segretarju infurmha li minn naħa ta' l-ufficcju reġa' ppublika formoli lill dawn il-persuni biex jiffirmawhom, imma mingħajr firma ma jistax, minħabba l-ligi jibghat emails lil nies li ma approvawx li nistaw nagħmlu dan.

**V APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEĦOR**

Ġiet ipprezentata l-iskeda tal-pagamenti nru. 47 li ġiet iċċirkulata minn qabel lil kull Kunsillier. Il-Kunsillier A. Curmi pprezenta rapport idettaljat rigward din l-iskeda. Il-pagamenti kollha mnizzlin gew approvati minn dawk prezenti.

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-19.20 u ġiet aġġornata ghat- 2 ta Awissu fil-17.00.

Noel Muscat

Sindku

Vince Tanti

Segretarju Ezekuttiv